DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

11 ta' Lulju 2013 *

"Interpretazzjoni ta' sentenza — Inammissibbiltà"

Fil-Kawża C-496/09 INT,

li għandha bħala suġġett talba għal interpretazzjoni tas-sentenza tas-17 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-496/09), imressqa fl-14 ta' Frar 2013, skont l-Artikoli 43 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u 158 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

Ir-Repubblika Taljana,

il-parti l-oħra fil-kawża hija:

Il-Kummissjoni Ewropea,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, Viċi-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qed jaġixxi bħala President tat-Tielet Awla, T. von Danwitz, E. Juhász, G. Arestis u D. Šváby (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Jääskinen,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali,

tagħti l-preżenti

Digriet

1 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Frar 2012, ir-Repubblika Taljana ppreżentat talba għal interpretazzjoni tal-punti 52, 55 u 68 tal-motivi kif ukoll tal-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza tas-17 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-496/09, Ġabra p. I-11483, iktar 'il quddiem is-"sentenza li tagħha ntalbet l-interpretazzjoni").

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

2 Ir-Repubblika Taljana titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta:

— il-kliem "ammonti [...] li għadhom ma ġewx irkuprati mid-data tal-għoti ta' din is-sentenza", li jinsab fil-punti 52, 55 u 68 tal-motivi u l-punt 2 tad-dispożittiv ta' din is-sentenza, fis-sens li jinkludi l-ammonti li għadhom ma ġewx irkuprati fid-data li fiha ntemmet, waqt il-proċedura, il-fażi ta' amministrazzjoni tal-provi, jiġifieri fil-mument tal-kristalizzazzjoni tas-sitwazzjoni fattwali proċedurali li abbażi tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet il-kwistjoni, u

— il-kliem "li l-irkupru tagħha ma jkunx għadu ġie effettwat jew ma jkunx ġie ipprovat fi tmiem il-perijodu kkonċernat" użat fil-punti 52, 55, u 68 tal-motivi u fil-punt 2 tad-dispożittiv tal-istess sentenza fis-sens li jimponi lill-Kummissjoni Ewropea tieħu inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-evalwazzjoni ta' kull sitt xhur tal-progress magħmul mir-Repubblika Taljana fl-irkupru tal-għajnuna kkonċernata, mhux biss tad-dokumenti dwar dan is-semestru li ġiet mgħarrfa bihom il-Kummissjoni qabel l-iskadenza ta' dan is-semestru, iżda ta' kull dokument li jikkonċerna s-semestru ta' riferiment.

Is-sentenza li tagħha ntalbet l-interpretazzjoni

3 Permezz tas-sentenza li tagħha ntalbet l-interpretazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat u ddeċidiet:

"1) Billi ma adottatx, fid-data li fiha skada t-terminu previst fl-opinjoni motivata maħruġa fl-1 ta' Frar 2008 mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej skont l-Artikolu 228 KE, il-miżuri kollha neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-1 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-99/02[,Ġabra p. I-3353]), dwar l-irkupru mill-benefiċjarji ta' għajnuna li, skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/128, tal-11 ta' Mejju 1999, dwar l-għajnuna mogħtija mill-Italja sabiex ikunu promossi l-impjiegi [(ĠU 2000, L 42, p. 1)], ġiet iddikjarata illegali u inkompatibbli mas-suq komuni, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-deċiżjoni u l-Artikolu 228(1) KE.

2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea, fil-kont 'Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea', pagamenti ta' penalità fl-ammont ekwivalenti għall-multiplikazzjoni tal-ammont bażiku ta' EUR 30 miljun bil-perċentwali ta' għajnuna illegali inkompatibbli li l-irkupru tagħha ma jkunx għadu ġie effettwat jew ma jkunx ġie ipprovat fi tmiem il-perijodu kkonċernat, ikkalkolat b'relazzjoni mat-totalità tal-ammonti kollha li għadhom ma ġewx irkuprati mid-data tal-għoti ta' din is-sentenza, u dak kull sitt xhur ta' dewmien fl-implementazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex tikkonforma ruħha mas-sentenza tal-1 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-99/02), b'effett mill-għoti ta' din is-sentenza sal-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza tal-1 ta' April 2004.

3) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea, fil-kont 'Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea', somma f'daqqa ta' EUR 30 miljun.

[...]"

Osservazzjonijiet tal-partijiet

4 Fl-ewwel lok, ir-Repubblika Taljana ssostni li l-interpretazzjoni tal-kliem, "mid-data tal-għoti ta' din is-sentenza", fis-sens li jikkonċerna s-sitwazzjoni tas-17 ta' Novembru 2011, data tal-għoti tas-sentenza li tagħha ntalbet l-interpretazzjoni, u mhux dik prevalenti fid-data ta' għeluq il-fażi istruttorja tal-proċedura tesponiha għal konsegwenzi mhux raġonevoli inkwantu taggrava l-penalità li għandha tħallas. Din l-interpretazzjoni tmur ukoll kontra l-loġika tal-mekkaniżmu ta' pagament ta' penalità

previst fl-Artikolu 228(2) KE, inkwantu tissuġġetta l-ammont tal-pagament tal-penalità għal fatt li jevita l-kontroll ta' dan l-Istat Membru u tiżolaha mis-sitwazzjoni meħuda inkunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddetermina l-ammont tagħha.

5 Fit-tieni lok, ir-Repubblika Taljana ssostni li, interpretazzjoni tal-kliem "li l-irkupru tagħha ma jkunx għadu ġie effettwat jew ma jkunx ġie ipprovat fi tmiem il-perijodu kkonċernat" fis-sens li jeskludu li provi prodotti minn dan l-Istat Membru wara l-iskadenza tas-semestru kkonċernat jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni għad-determinazzjoni tal-pagament ta' penalità marbuta miegħu, mhux biss ma hijiex neċessarja sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, iżda barra minn hekk tirriżulta kuntrarja għall-prinċipju ta' kooperazzjoni leali hekk kif jirriżulta barra minn hekk mill-Artikolu 4(3) TFUE.

6 Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni hija tal-fehma li t-talba għal interpretazzjoni mressqa mir-Repubblika Taljana hija ammissibbli, fin-nuqqas ta' kull diffikultà dwar is-sens u l-portata tas-sentenza li tagħha ntalbet l-interpretazzjoni u essenzjalment hija intiża sabiex tqiegħed inkwistjoni l-kontenut ċar ta' din is-sentenza kif ukoll sabiex tbiddel il-portata tagħha favuriha.

Fuq it-talba

7 L-Artikolu 158(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdi li, skont l-Artikolu 43 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-każ ta' diffikultà fis-sens u l-portata ta' sentenza jew ta' digriet, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tinterpretaha, fuq talba ta' parti jew ta' istituzzjoni tal-Unjoni li tiġġustifika interess f'dan is-sens.

8 Għandu jiġi osservat li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, talba għal interpretazzjoni għandha, sabiex tkun ammissibbli, issemmi d-dispożittiv tas-sentenza kkonċernata, b'rabta mal-motivi essenzjali tiegħu, u trid tkun intiża sabiex tneħħi inċertezza jew ambigwità li eventwalment taffettwa s-sens u l-portata tas-sentenza nnifisha inkwantu kellha tiddeċiedi l-kwistjoni hekk kif ġiet sottomessa lilha. Għaldaqstant talba għal interpretazzjoni ma hijiex ammissibbli meta hija tikkonċerna punti li ma ġewx deċiżi mis-sentenza kkonċernata [digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-20 ta' April 2010, Pellegrini vs Il-Kummissjoni, C-114.08 P(R)-INT, punt 6 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata].

9 Fir-rigward tal-ewwel parti ta' din it-talba, għandu jiġi kkonstatat li d-dispożittiv tas-sentenza li tagħha ntalbet l-interpretazzjoni, skont il-motivazzjoni kkunsidrata fil-punti 52, 55 u 68 tagħha, tikkonċerna espressament id-data tal-għoti ta' din is-sentenza bħala data ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-ammont totali tal-għajnuna li għadha ma ġietx irkuprata li hija intiża sservi bħala bażi ta' kalkolu għall-pagament ta' penalità rigressiva li għaliha ġie kkundannat l-Istat Membru.

10 Bl-istess mod, fir-rigward tat-tieni parti ta' din it-talba, huwa paċifiku li interpretazzjoni strettament litterali tad-dispożittiv tas-sentenza li tagħha ntalbet l-interpretazzjoni hija tali li sservi bħala bażi għat-teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, għall-finijiet tal-kalkolu tal-perċentwali tal-għajnuna li għandha tiġi kkunsidrata bħala mhux irkuprata fi tmiem semestru speċifiku, tas-sempliċi provi dokumentarji li jaslulha qabel l-iskadenza tal-perijodu kkonċernat.

11 F'dan ir-rigward, jeħtieġ sempliċement li jiġi kkonstatat li t-talba tar-Repubblika Taljana, permezz taż-żewġ partijiet tagħha, hija intiża sabiex tqiegħed inkwistjoni l-konsegwenzi ta' tali interpretazzjoni strettament litterali tad-dispożittiv tas-sentenza li tagħha ntalbet l-interpretazzjoni. Issa, tali tqegħid inkwistjoni ma jistax jikkonċilja ruħu mal-Artikoli 43 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u 158(1) tar-Regoli tal-Proċedura u lanqas mal-awtorità ta' *res judicata* marbuta mas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

12 Billi ma kienet ibbażata fuq ebda diffikultà fir-rigward tas-sens u l-portata tas-sentenza li tagħha ntalbet l-interpretazzjoni, l-imsemmija talba għandha għaldaqstant tiġi ddikjarata inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

13 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-Repubblika Taljana tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tordna:

1) It-talba għal interpretazzjoni hija miċħuda.

2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem